MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1334/2001/1

John **BORĠ** u Philip Borġ

vs

**BRISTOW POTTERIES LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' Lulju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-atturi talbu li din il-Qorti (i) issib li l-kumpannija mħarrka għamlet kopji jew riproduzzjonijiet ta' *souvenirs* li dwarhom l-atturi jgawdu d-drittijiet tal-awtur u dan bi ksur tal-liġi li tħares l-istess drittijiet; (ii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallashom id-danni jew penali f'dak l-ammont li l-Qorti tqis

li jkun xieraq; (iii) tillikwida s-somma bħala danni jew penali li jmissha titħallas mill-kumpannija mħarrka; (iv) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex troddilhom lura l-qligħ kollu li hija għamlet bi ksur tad-dritt tagħhom tal-awtur fuq l-imsemmija *souvenirs*; (v) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, il-qligħ magħmul mill-kumpannija mħarrka bi ksur tal-jeddijiet tal-awtur tagħhom u li għandha tħallsu lura lill-atturi; (vi) tagħtihom il-ħlas ta' danni addizzjonali skond ma jitolbu ċ-ċirkostanzi tal-każ; (vii) tillikwida l-imsemmija danni addizzjonali; u (viii) tordna lill-kumpannija mħarrka biex troddilhom lura l-oġġetti kollha li saru bi ksur tad-drittijiet tal-awtur tagħhom u li għadhom fil-pussess tagħha. Talbu l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-22 ta' Ottubru, 2001, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi kif imressqa ma tiswiex billi m'huwiex minnu li l-atturi jgawdu d-drittijiet tal-awtur fuq il-ħwejjeġ li dwarhom jilmintaw u l-azzjoni attriċi tista' titressaq biss minn min ikun igawdi dawk id-drittijiet, kif irid l-artikolu 13(3) tal-Kapitolu 196 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu billi d-disinji jew mudelli tal-manufattura li fuqhom l-atturi jallegaw id-drittijiet tal-awtur ma jgawdux minn tali drittijiet għaliex jonqos fihom l-elementi essenzjali biex inisslu dritt bħal dak. F'kull każ, tgħid li m'għandhiex tkun kundannata trodd lura lill-atturi l-qligħ minnha magħmul għaliex ma kellha l-ebda mod li tkun taf minn qabel li seta' jeżisti xi dritt tal-awtur fl-atturi dwar is-*souvenirs* mertu tal-każ. Fl-aħħarnett, laqgħet ukoll dwar is-siwi tal-aħħar talba tal-atturi li qalet li messha saret b'talba għaliha b'rikors u mhux fiċ-Ċitazzjoni, kif irid l-artikolu 14 tal-Kapitolu 196;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2001, li bih ordnat li jinġiebu quddiemha l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1603/01 dekretat fit-2 ta' Lulju, 2001 u ordnat lill-kumpannija mħarrka biex tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-22 ta' Jannar, 2002[1], dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha;

Rat in-Nota ta' Tweġiba mressqa mill-atturi fis-26 ta' Frar, 2002[2];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-kumpannija mħarrka dwar is-siwi tal-att taċ-Ċitazzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jedd ta' awtur. L-atturi jgħidu li l-kumpannija mħarrka kienet qiegħda tmexxi fis-suq Malti plattini mżejna b'xena partikolari ta' Malta biex tbiegħhom b'*souvenirs* u liema platti jixbhu dawk li huma ilhom żmien imexxu fuq is-suq Malti u li dwarhom huma jgawdu d-drittijiet tal-awtur. Jgħidu li, minkejja li seħħilhom saħansitra jiksbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-kumpannija mħarrka, din xorta waħda baqgħet tbigħ kopji tal-imsemmija platti dekorativi u toħdilhom il-qligħ b'abbuż. Iridu l-ħlas ta' danni minħabba dak l-għamil u wkoll li jintraddulhom lura l-ħwejjeġ illegali li jinsabu f'idejha ħalli titwaqqaf tassew milli tkompli tbigħhom;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi kif imressqa ma tgħoddx għaliex hija azzjoni li tista' ssir biss minn min tassew igawdi dritti ta' awtur u l-atturi ma jgawdux dritt bħal dak. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

---

[1] Paġġ. 18 – 20 tal-proċess
[2] Paġġ. 23 sa 25 tal-proċess

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħha, l-kumpannija mħarrka tistrieħ fuq l-argument li, biex azzjoni bħal dik li ressqu l-atturi tista' titressaq, huwa meħtieġ li min jiftaħ kawża bħal dik ikun tassew persuna li tgawdi dritt tal-awtur. Il-kumpannija mħarrka tqis li l-ebda wieħed mill-atturi ma jgawdi tassew dritt bħal dak dwar l-oġġetti li dwarhom fetħu din il-kawża (jiġifieri l-platti dekorativi bix-xena tal-karozzin bl-Imdina fl-isfond). Dan tgħidu għaliex is-sid tad-disinn ta' manufattura tal-oġġetti mertu tal-każ m'humiex l-atturi iżda ditta barranija – A.L.C.E.A.R. snc – kif jissemma espressament f'wieħed mid-dokumenti li tressqu fl-atti tar-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni li nħareġ fuq talba tal-istess atturi[3]. F'dik id-dikjarazzjoni maħlufa li għamel Stefano Bizzotto f'isem l-imsemmija ditta, jingħad kategorikament li "*il modello a fianco riportato raffigurante un piatto di 24 centimetri di diametro in resina poliestere ad imitazione legno con immagine di 'MDINA – MALTA' e` stato da noi creato con la cooperazione della ditta JOHN BORG ora JOHN BORG & SONS di Zebbug nell'isola di Malta, e successivamente da noi prodotto per essere commercializzato esclussivamente attraverso la ditta JOHN BORG & SONS*". B'dan il-mod, ikompli l-argument tal-kumpannija mħarrka, l-atturi lanqas biss jistgħu jippretendu li huma l-ewwel proprjetarji tad-dritt minnhom invokat u għaldaqstant lanqas setgħu ressqu l-kawża tal-lum. B'żieda ma' dan, il-kumpannija mħarrka tgħid li l-liġi trid li kull ċessjoni ta' xi jedd tal-awtur tista' ssir u tkun tgħodd biss jekk kemm-il darba ssir bil-miktub. Ladarba ma saret l-ebda kitba bħal din, l-atturi lanqas jistgħu jippretendu li huma mqar ċessjonarji;

Illi għal dawn l-argumenti, l-atturi jirribattu billi jgħidu li l-argumenti mressqa mill-kumpannija mħarrka ma jiswewx u kienu diġa' tqajmu minnha waqt is-smigħ tal-proċeduri għall-ħruġ tal-Mandat. Jgħidu li l-Qorti kienet warrbithom u xorta waħda laqgħet it-talba tagħhom għall-ħruġ tal-

[3] Ara d-Dok "A", f'paġ. 3 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni1603/01DS

Mandat. Fuq kollox, iżidu li l-argument tal-kumpannija mħarrka huma għal kollox fallaċi. Biex iwaqqgħu dawn l-argumenti, l-atturi jisiltu l-ġrajja ta' kif oriġinat l-ideja tal-kummerċ tal-platti *souvenirs* u kif inbniet ir-relazzjoni kummerċjali mad-ditta baranija li tqabbdet tibda tagħmilhom. Minn dan ħareġ li l-ideja kienet tal-atturi, filwaqt li A.L.C.E.A.R snc kienet eżegwiet dik l-ideja. Skond l-atturi, dan ma jnaqqas xejn mill-jedd tagħhom li jissejħu sidien oriġinali tal-imsemmija oġġetti jew, fl-agħar ipoteżi, ta' ko-awturi mal-imsemmija ditta barranija;

Illi huma jirreferu għal ċirkostanza oħra. Din tikkonsisti f'ittra li ġġib id-data tal-20 ta' Marzu, 1989[4], mibgħuta minn Bruno Bizzotto f'isem A.L.C.E.A.R. snc lill-attur John Borġ u fejn espresament jgħidlu li d-ditta tiegħu kienet qiegħda taħtru bħala aġent waħdieni tagħha f'Malta dwar il-platti dekorativi. Fuq kollox, aktar 'l isfel fl-istess ittra jibgħat jgħidlu testwalment hekk "*against your fidelity to our firm and our products, we give to you also the copyright of our item concern (sic) Malta and Gozo island so you should be able to persecute all the serval (sic) copies*". Minkejja l-għażla mhux mill-aqwa tal-idjoma, l-kliem ċitat ma għandu jħalli l-ebda dubju dwar il-fehma ta' Bizzotto dwar liema jeddijiet kien qed jgħaddi lill-attur dwar l-oġġetti mertu tal-każ;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-kliem ta' dik ml-ittra wkoll iservu biex iwaqqgħu l-argument tal-kumpannija mħarrka li jekk kien hemm ċessjoni din ma tiswiex għaliex ma saritx bil-miktub. Il-liġi ma jidhirx li teħtieġ xi sura sagramentali ta' kitba biex tikkostitwixxi ċessjoni f'dan ir-rigward;

Illi, madankollu, ukoll mil-lat dottrinali, l-argument tal-kumpannija mħarrka dwar in-nuqqas ta' jedd fl-atturi ma jirriżultax mistħoqq. Huwa mgħallem u aċċettat li "*the general rule is that the first legal owner of the copyright in a work whose making was commissioned will be the author, i.e. the person who creates it. Even where this general rule applies, it should nevertheless be borne in mind that in many cases where a work is made pursuant*

[4] Dok f'paġ. 14 tal-atti tal-Mandat 1603/01DS

*to a contract of commission, it will be a term of the contract, express or implied, that the commissioner will be entitled to the copyright. Provided that the commissioner is entitled to enforce the contract, he will thus be the equitable owner of the copyright. ... At its lowest, the commissioner is likely to have some sort of licence to use the work. ... In general, the word 'commission' means 'order'. This means more than 'request' or 'encourage'. There must therefore come into existence a contract with mutual obligations, namely an obligation to create the work and an obligation to pay*"[5];

Illi, fil-fehma tal-Qorti, din is-silta turi bla ebda xkiel jew dubju, li l-atturi tassew igawdu l-jedd tal-ewwel sid tal-oġġetti mertu tal-każ u li r-rabta tagħhom mad-ditta barranija li tipproduċi l-istess oġġetti kif imfissra hawn fuq ma tnaqqas xejn mill-interess u l-kapaċita' ta' leġittimazzjoni attiva li jressqu l-kawża tal-lum;

Illi l-Qorti tagħlaq bil-kumment li ma tistax tifhem għaliex, kemm l-atturi (sa minn mindu ressqu t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni) u l-kumpannija mħarrka (biex issaħħaħ l-eċċezzjonijiet tagħha) jirreferu għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 196 tal-Liġijiet ta' Malta, meta l-ġrajja kollha seħħew wara l-2000, jiġifieri meta daħal fis-seħħ l-Att XIII tal-2000 dwar id-Drittijiet tal-Awtur[6], li kien ħassar l-imsemmija liġi. Jidher ukoll li, dwar dan il-każ, jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 60(1) tal-istess Kapitolu 415;

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija mħarrka m'hijiex tajba u għalhekk l-azzjoni attriċi setgħet saret kif saret u minn min ressaqha;

Għal; dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[5] Copinger & Skone James on Copyright (15th Edit, 2005), Vol I, §§ 5-32 u 5-34, f'paġġ. 228 u 230
[6] Kap 415

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra l-istess kumpannija mħarrka; u

**Tħalli l-kawża** għall-provi tal-atturi għas-smigħ ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2011, u tissejjaħ fil-11.00 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------